VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 269 tal-2013

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2013 li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

1. It-titolu dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2013 li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta. Titolu.

2. F'dan Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 497.

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Identità Malta;

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser il-Ftehim kif previst fl-artikolu 7;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Intern;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Intern.

3. (1) Għandu jkun hemm Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala l-Aġenzija Identità Malta jew bħala "Identità Malta" li għandha twettaq il-funzjonijiet u dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika fil-materji li ġejjin: Twaqqif tal-Aġenzija Identità Malta.

(a) ċittadinanza, permessi ta' residenza, permessi ta' xogħol u materji amministrattivi oħrajn li jkollhom x'jaqsmu ma' barranin;

(b) passaporti;

(ċ) karti tal-identità u dokumenti oħra tal-identità;

(d) atti dwar l-istat ċivili;

(e) ir-registrazzjoni ta' artijiet u r-reġistrazzjoni ta' atti pubbliċi;

(f) programmi individwali ta' investiment għal

VERŻJONI ELETTRONIKA

barranin jew għal persuni li jakkwistaw ċittadinanza Maltija, inkluz l-amministrazzjoni ta' fondi li jkunu ġejjin minn dawk il-programmi;

(g) dawk il-materji oħrajn li huma anċillari, inċidentali jew konsegwenzjali għall-materji stipulati fil-paragrafi (a) sa (f), kif il-Ministru jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien:

Iżda meta dawk il-materji, kif hemm f'dan is-subartikolu, jkunu jikkonsistu fi jew jinkludu l-amministrazzjoni jew investiment ta' fondi, il-Ministru għandu jaġixxi bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-Finanzi meta jkun qed jieħu l-imsemmija deċiżjoni.

(2) B'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), l-Aġenzija għandha:

(a) tassisti lill-Ministru, minn żmien għal żmien, responsabbli għal materji li jkollhom x'jaqsmu ma' ċittadinanza Maltija fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet u funzjonijiet tiegħu taħt l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija;

Kap. 188.

(b) tara t-twettiq tal-funzjonijiet u dmirijiet tal-"uffiċjal awtorizzat" taħt l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità;

Kap. 258.

(ċ) tassisti lill-Ministru, minn żmien għal żmien, responsabbli għal materji li jkollhom x'jaqsmu ma' passaporti u kull uffiċjal ieħor inkarigat mill-passaporti fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet u funzjonijiet tiegħu skont l-Ordinanza dwar il-Passaporti;

Kap. 61.

(d) tara t-twettiq tal-funzjonijiet u dmirijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku inkluż dawk taħt il-Kodiċi Ċivili u taħt l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku; u

Kap. 16.
Kap. 56.

(e) tassisti lil Ministru, minn żmien għal żmien, responsabbli għal materji li jkollhom x'jaqsmu ma' reġistrazzjoni ta' artijiet u tara t-twettiq tal-funzjonijiet u tad-dmirijiet tar-Reġistratur tal-Artijiet maħtur taħt l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet.

Kap. 296.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

4. Il-Ministru responsabbli għall-Intern għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

L-Aġenzija tkun suġġetta għall-Att.

5. L-Aġenzija għandha tkun suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' t-Titolu 2 tat-Taqsima III tal-Att u għandha tkun regolata b'dawk id-dispożizzjonijiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

6. L-Aġenzija għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kemm-il darba ma jkunx awtorizzat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija.

Ftehim tal-Aġenzija.

7. L-operat tal-Aġenzija għandu jitwettaq skont Ftehim tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija.

Kap tal-Aġenzija.

8. L-Aġenzija għandha tkun immexxija minn *Chairperson* Eżekuttiv li għandu jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Aġenzija kif stipulat fl-Att.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mal-Att.

9. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-partita "Aġenzija Nazzjonali għal Eżamijiet" għandu jiżdied dan li ġej:

Aġenzija	Funzjoni tal-Aġenzija
"Aġenzija Identità Malta	Sabiex tezegwixxi l-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika f'matterji li jkollhom x'jaqsmu ma' passaporti, dokumenti tal-identità, permessi ta' xogħol u residenza għal barranin, reġistrazzjoni ta' artijiet u ta' atti pubbliċi, atti tal-istat ċivili u programmi individwali ta' investiment".